# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 16 – IL-ĠIMGĦA 24 TA' JANNAR 2014

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| | Twanny Bugeja | Kunsillier (Skużat) |
| | Matthew Seychell | Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ (Skużat) |

Kien hemm persuna waħda tattendi u għal xi ħin attenda wkoll l-*accountant* tal-Kunsill.

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA NRU. 15**

1.1 Il-minuti ntbagħtu minn qabel u għaldaqstant kienu meqjusa moqrija. Ma kien hemm ebda emenda xi ssir u għaldaqstant ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

**2. PUNTI MILL-MINUTI**

2.1 Fir-rigward ta' para. 2.1, is-SE irringrazzjat lill-Kunsilliera kollha talli kien għoġobhom jattendu għal-laqgħa ta' informazzjoni dwar il-proġett tal-bosk. Kulħadd qabel li l-laqgħa kienet marret tajjeb u li r-residenti li attendew kienu ħarġu sodisfatti bl-informazzjoni li ngħatat. Is-SE infurmat li kienet se tattendi għal laqgħa bilaterali dwar dan il-proġett flimkien mas-Sindku u l-Periti tal-Kunsill.

2.2 Rigard para. 6.1, is-SE infurmat li kien twaħħal l-arblu ta' Triq Gregorio Caraffa u kienu ntbagħtu l-ittri lir-residenti ta' Binja Msieraħ kif miftiehem.

2.3 Is-SE infurmat ukoll li l-avukat tal-Kunsill kien bagħat ittra liċ-*chairperson* tal-Awtorità tad-Djar dwar l-art ta' bejn il-Club House u l-Gym tad-Depiro kif mitlub fl-aħħar laqgħa.

2.4 Is-SE infurmat li l-laqgħa li kellha ssir mal-Onor. Herrera (para. 6.7) kienet ġiet posposta għal aktar tard.

2.5 Is-SE infurmat li fir-rigward ta' para. 7.3, l-avukat kien infurmaha li l-kawza kienet ġiet differita għas-sentenza għas-27 ta' Jannar 2014. Hija kienet se zzomm lill-Kunsill infurmat bis-sentenza li tittieħed.

## 3. KOMMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

3.1 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil unanimu li s-SE għandha tagħmel talba sabiex jiġu installati zewġ *sleeping policemen* viċin il-*playing field* il-ġdida fi Triq l-Imtarfa minħabba l-periklu ta' xi vetturi li jgħaddu b'veloċità kbira waqt li jkun hemm it-tfal ħerġin mill-bandli jew mexjin fuq il-bankina.

3.2 Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment tas-Sindku li għandu jitnaddaf il-bajtar u l-ġebel li hemm imdendel fi Triq l-Istazzjon minħabba l-periklu li jweġġa' lil xi ħadd jew li jaqgħu fuq xi vettura li tkun għaddejja minn taħthom. Dan ix-xogħol għandu jiswa ftit inqas minn €1000 u se jsir mill-kuntrattur tas-*soft areas* tal-Kunsill.

3.3 Is-Sindku fakkar lis-SE sabiex titwaħħal il-*U-Bend* fi Triq Sir Philip Pullicino minħabba li qed ikun hemm xi periklu minn muturi li jgħaddu minn dan l-isqaq. Il-Viċi Sindku informa li sadanittant huwa kien għadu qed jivverifika jekk dak l-isqaq huwiex proprjetà privata jew le.

3.4 Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment tas-Sindku li ssir applikazzjoni għal ħaddiem/a tal-ETC sabiex jagħmlu xogħol manwali fuq bazi ta' sitt xhur mal-Kunsill.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata mis-Sindku u mis-SE. Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni li hemm numru ta' kontijiet tal-fotografu, Reuben Seychell, u fosthom hemm ukoll numru ta' attivitajiet li huwa ma kienx qed jitlob flus għalihom. Il-Kunsill wera l-apprezzament tiegħu.

4.2 Is-SE preżentat rapport li juri d-dħulijiet li kellu l-Kunsill matul ix-xahar ta' Diċembru 2013. Kopja tiegħu hija annessa.

4.3 Il-Kunsill approva li għandha tinxtara sistema ta' *payroll* fuq suġġeriment tas-SE. Hija infurmat li din kienet waħda mir-rakkondazzjonijiet tal-awdituri filwaqt li kienet se tgħin sabiex jitħaffef il-proċess tal-pagi b'inqas possibbiltà ta' zbalji.

4.4 Kien hemm qbil li s-SE għandha tkellem lill-kuntrattur tal-latrini, Alexander Fenech, sabiex tivverifika jekk huwa jkunx lest li jagħmel xi sigħat extra ta' tindif fuq il-latrini tal-*playing field* sakemm tinħareġ offerta ġdida meta finalment il-bandli jaqgħu fir-responsabbiltà tal-Kunsill. Is-SE ġibdet l-attenzjoni li din l-estensjoni temporanja ma setgħetx teċċedi l-20% tal-offerta li għandu dan il-kuntrattur fil-prezent mal-istess kunsill.

## 5. PROĠETT TAL-BOSK

5.1 Is-Sindku informa li l-periti l-ġodda kienu daru l-BOQ dwar il-proġett tal-bosk u sabu li din kienet pjuttost baxxa għaliex kien hemm xi affarijiet li ma ttieħdux in konsiderazzjoni għalkemm huma neċessarji biex jiġi attwat il-proġett. Sadanitattant huwa informa wkoll li wara l-laqgħa ta' informazzjoni ħareġ aktar biċ-ċar li kemm ir-residenti kif ukoll l-MAGF huma pjuttost favorevoli li ssir ġiebja sabiex taqbad xi ftit mill-ilma li jgħaddi minn dik l-akwata. Għaldaqstant kien hemm qbil li l-periti għandhom jinkludu l-ispiza tal-ġiebja fil-BOQ sabiex dan il-BOQ jiġi prezentat waqt il-laqgħa li r-rapprezentanti tal-Kunsill kellhom mal-MAGF.

5.2 Hawnhekk is-Sindku talab ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar jekk għandux isir dawl fil-bosk. Huwa informa li l-espert ambjentali kien kontra li jsir id-dawl minħabba li dan kien se jtellef lill-eko-sistema prezenti. Hawnhekk il-Kunsillier Fenech tenna li jekk ma jkunx hemm dawl jista' jkun li dan il-proġett jista' jiġi

vvandalizzat. Is-Sindku fakkar li dan il-post kellu jingħalaq wara ċertu ħin tal-ġurnata u kellu jkun mgħasses bis-sistema ta' CCTV's. Għaldaqstant kien hemm qbil unanimu li għalkemm m'għandhomx isiru bozoz għalissa, għandhom isiru l-kommunikazzjonijiet kollha bil-lest għall-eventwalità li l-Kunsill jibdel l-opinjoni tiegħu fuq dan is-suġġett aktar 'il quddiem.

5.3 Is-Sindku informa li l-aktar *item* fuq il-BOQ li kien jidher li tpoġġiet rata baxxa għalih kien dak tat-*timber decking*. Hawnhekk huwa informa li l-periti kienu qed jissuġġerixxu *decking* artifiċjali li huwa irħas u li ma jkollux bzonn ta' manutenzjoni. Kien hemm qbil għaldaqstant li l-Kunsill għandu jmur għal dan it-tip ta' *decking* minflok għal injam naturali.

## 6. APPROVAZZJONI TAL-*QUARTERLY REPORT* (OTTUBRU – DIĊEMBRU 2013)

6.1 L-*accountant* tal-Kunsill intalab jagħti spjega tar-rapport tal-aħħar kwart tas-sena 2013.

6.2 Wara li għamel l-ispjega, huwa ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex matul is-sena 2014 joqgħod aktar attent fl-infiq tiegħu minħabba li l-indikatur finanzjarju kien naqas għal 8%.

6.3 Il-Kunsill approva r-rapport finanzjarju għall-aħħar kwart u dan ġie ffirmat mis-Sindku u s-SE.

## 7. APPROVAZZJONI TAL-BAĠIT

7.1 Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jiddiskuti l-allokazzjoni ta' flus għal kull attività li se jorganizza matul is-sena 2014. Għaldaqstant bl-għajnuna tal-*accountant* kien hemm qbil li :

* Nhar it-2 ta' Marzu – Jiġi organizzat trasport bejn l-Imtarfa – il-Belt – l-Imtarfa għal min jixtieq jattendi l-attivitajiet nazzjonali tal-Karnival. Dan għandu jkun għal spiża minima biex tagħmel tajjeb għat-trasport organizzat. Il-Kunsill alloka massimu ta' €50 għal spejjez min-naħa tiegħu.

* Mill-14 sas-16 ta' April – Jiġi organizzat id-dramm tal-passjoni flimkien mal-Imtarfa Drama Group. Kien hemm qbil li l-baġit għal din l-attività m'għandux jaqbez l-€2500.

* Nhar it-18 ta' April – Ħarġa għall-wirjiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'lokalitajiet barra mill-Imtarfa. Dan għandu jkun għal spiża minima biex tagħmel tajjeb għat-trasport organizzat. Il-Kunsill alloka massimu ta' €50 għal spejjez min-naħa tiegħu.

* Nhar is-27 ta' April – Jum l-Imtarfa:
  Fun Day/Open Day fil-*playing field* filgħodu.
  Lejla Poe-Muzikali flimkien mal-Għaqda Poeti Maltin fejn jingħataw ukoll il-Ġieħ u l-Mertu. Din l-attività għandha tinzamm fl-Iskola Primarja.
  Ġie allokat massimu ta' €1500 għal dawn iz-zewġ attivitajiet.

* Lulju – Ħarġa ta' ġurnata għal Kemmuna. L-ispejjez involuti għandhom jitħallsu totalment minn min jattendi.

*	Settembru – Ħarġa għal Għawdex għall-anzjani. Il-Kunsill alloka massimu ta' €300 għal spejjez min-naħa tiegħu.

*	Nhar it-18 ta' Ottubru – Military Mtarfa. Minħabba li din is-sena l-attività se tinzamm flgħaxija, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jalloka aktar fondi għal din l-attività għal massimu ta' €10,000.

*	Diċembru – attivitajiet varji tal-Milied. Kien hemm qbil li l-baġit għad-dekorazzjonijiet tal-Milied għandu jkollu massimu ta' €5,000 filwaqt li jkun hemm baġit ta' €500 għall-attivitajiet l-oħra kollha.

7.2 Kien hemm qbil li l-baġit għandu jiġi approvat waqt il-laqgħa li jmiss.

## 8. IL-PJAN TA' TLETT SNIN

8.1 Is-SE ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li kull min għandu xi suġġeriment jew rakkomandazzjoni għal xi proġett għal dawn it-tlett snin li ġejjin għandu jibgħat kommunikazzjoni għad-diskussjoni. Hawnhekk is-Sindku ġibed l-attenzjoni li possibbilment il-Kunsill għandu jneħħi l-pjan li jagħmel ir-restawr tal-faċċati tal-arloġġ minħabba li kien hemm il-ħsieb li l-Kunsill japplika għal xi fondi tal-UE.

8.2 Kien hemm qbil li l-pjan ta' tlett snin għandu jiġi diskuss u approvat matul il-laqgħa li jmiss.

## 9. APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT AMMINISTRATTIV

9.1 Minħabba li mhux il-Kunsilliera kollha kellhom ċans jaqrawh, kien hemm qbil li dan ir-rapport amministrattiv għandu jiġi approvat matul il-laqgħa ta' wara.

## 10. *PERFORMANCE BONUS* TAS-SE U L-ISKRIVAN

10.1 Hawnhekk is-SE skuzat ruħha għal ftit minuti sakemm il-Kunsill iddiskuta l-*performance bonus* tagħha.

10.2 Il-Kunsill qabel unanimament li s-SE għandha tieħu l-massimu tal-*performance bonus*, jiġifieri 10%.

10.3 Il-Kunsill qabel unanimament li l-iskrivan għandu jieħu l-massimu tal-*performance bonus*, jiġifieri 6%.

## 11. PJAN TA' ATTIVITAJIET GĦAS-SENA 2014

11.1 Minħabba li dan l-item diġà ġie diskuss f'para. 7, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jqisu bħala approvat u jgħaddi għall-*item* li jmiss.

## 12. PUNTI OĦRA

12.1 Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li għandha ssir bankina fi Triq it-Tulipani minħabba l-ħsara li qed issir fuq ħajt ta' residenza mill-vetturi li jipparkjaw.

12.2 Il-Viċi Sindku talab lis-SE sabiex tgħaddi lista tat-talbiet pendenti li hemm ma' Transport Malta.

12.3 Għall-mistoqsija tas-Sindku dwar Triq il-Konti Salv Manduca, is-SE infurmat li din kellha bzonn ta' esproprjazzjoni u għaldaqstant ma kinitx responsabbiltà diretta tal-Kunsill.

## 13. Aġġornament

13.1 Il-laqgħa spiċċat fl-10:15pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-Tnejn 17 ta' Frar fis-7:30pm.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Daniel John Attard**<br>**Sindku** |